MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 839/2008

**Av. Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-socjeta` PUMA AG Rudolf Dassler Sport.**

**vs.**

**Dr. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar u b' digriet tal-15 tal-15 ta' Settembru 2008 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil Eurl Chihab Echark Import and Export Ltd.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor Philip Manduca *nomine* datat 18 ta' Awwissu 2008 a fol 1 tal-process fejn espona: -

Illi s-socjeta` attrici hi proprjetarja tal-marka “PUMA” registrat f’Malta bin-numru 13091 u tal-marka “Cat” registrat f’ Malta bin-numru 13092.

Illi dan l-ahhar l-konvenut ikkontravjena t-*trademark* in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-*trademark* ghar-rigward ta’ oggetti li huma identici ma’ dawk li dwarhom it-*trademark* tas-socjeta` attrici giet registrata u dan billi gab f’Malta kwantita` ta’ zraben bil-markji ta’ “Puma” liema oggetti mhumiex modelli tas-socjeta` attrici u ghanhom “*clear cut infingements of* PUMA *trademarks*”.

Illi ghallhekk il-konvenut ikkaguna danni lis-socjeta` attrici.

Illi ghalhekk hemm lok isir il-qerda tal-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u jew prodotti u jew importati f’Malta mill-konvenut bil-marka proprjeta` tas-socjeta` attrici u dan kif provdut fl-**artikolu 15** tal-**Att dwar it-*Trademarks*** u l-**Att tmienja (VIII) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta (EC 1383/2003).**

Illi ghalhekk l-istess socjeta attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkontravjena t-*trademark* jew *trademarks* proprjeta` tas-socjeta` attrici u **l-Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta** u b’ hekk ikkaguna danni lis-socjeta` attrici.

2. Tordna l-qerda tal-oggetti zraben u sandli spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f’Malta fil-*container* TRLU7084778 mill-konvenut bit-*trademark/s* tas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez presentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni. B’riserva ghal azzjoni ta’ danni.

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 2) u zewg dokumenti li huma esebiti u mmarkati minn Dok. “A” u Dok. “B” kif jidhru a fol. 3 sa fol. 5 tal-process.

Rat id-digriet datat 15 ta' Settembru 2008 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita' intimata.

Rat li dan ir-rikors giet appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-20 ta' Jannar 2009, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta' l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 12 ta' Dicembru 2008 (fol. 21) fejn ecceppew li:-

1. Illi huma ma jafux bil-fatti li waslu ghal din il-kawza izda kif l-attur *nomine* jkun jista' jghaddilhom aktar taghrif, partikolarment l-indirizz, biex jaqbdu mas-socejta` barranija li ghaliha nhatru biex jidhru, huma jaghmlu l-almu taghhom biex jigbru t-taghrif mehtieg halli jikkontestaw il-kawza kif imiss.

Rat il-lista ta' xhieda tal-istess kuraturi a fol. 21 tal-process.

Rat in-nota attrici datata 26 ta' Novembru 2008 fejn gie esebit affidavit ta' Neil Narriman.

Rat in-nota attrici datata 4 ta' Dicembru 2008 feujn gie esebit bhala Dok. "GA" affidavit tal-ufficjal tad-Dwana George Agius datat 27 ta' Novembru 2008.

Rat il-verbal tas-seduta datata 20 ta' Jannar 2009 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Frar 2009.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-*container* TRLU 7084778 li wasal Malta fis-17 ta' Lulju 2008 fuq il-vapur CMA CGM LYS wara li nfetah mill-ufficjali tad-Dwana fil-25 ta' Lulju 2008 instab li kien fih 54 kaxxa zraben sportivi tal-marka "PUMA" b'tnax-il par kull kaxxa ghal total ta' 648 par zarbun kollha bl-istess marka "PUMA", li hija marka registrata f'isem is-socjeta' attrici bin-numru 13092 (Dok. "A"), u peress li kien hemm suspett li tali oggetti kienu kontrafatti u dawn inzammu mid-dwana ghal iktar verifiki (affidavit ta' l-ufficjal tad-Dwana George Agius datat 27 ta' Novembru 2008) u fil-fatt ghadhom fil-pussess taghhom sallum; b'dan giet informata s-socjeta' attrici li minn rizultati li ghamlet instab li l-istess zraben kienu fil-fatt kontradetti kif jidher mill-affidavit datat 19 ta' Novembru 2008 maghmul minn Neil Narriman (fol. 16). Jirrizulta li l-istess merkanzija kienet destinata ghall-entita' intimata skont il-polza ta' karigu (Dok. "B"). Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha b'dan li ghall-fini tat-tieni talba l-ispejjez ghandhom jinkludu dawk elenkati fl-affidavit tal-ufficjal tad-Dwana George Agius datat 27 ta' Novembru 2008 (fol. 19 u 20).

## **III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-entita' konvenuta ikkontravjeniet it-*trademark* jew *trademarks* proprjeta` tas-socjeta` attrici u l-**Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta** u b'hekk ikkagunat danni lis-socjeta` attrici.

2. Tordna l-qerda tal-oggetti konsistenti fil-konsenja ta' zraben fuq indikata spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f'Malta fil-*container* TRLU7084778 mill-konvenut bit-

*trademark/s* tas-socjeta` attrici u din l-istess distruzzjoni ta’ tali oggetti ghandha ssir mill-Kontrollur tad-Dwana fi zmien sittin (60) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza a spejjez tal-istess entita’ konvenuta.

Bl-ispejjez kontra l-entita` konvenuta b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------